

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tad-29 ta' Ġunju 2010 — Roumimper vs L-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)**

(Kawża F-41/09) <sup>(1)</sup>

*(Servizz pubbliku — Persunal tal-Europol — Nuqqas ta' tiġdid ta' kuntratt — Kuntratt għal żmien indeterminat — Artikolu 6 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Europol — Prinċipju tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża)*

(2010/C 288/132)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

**Partijiet**

Rikorrent: Jacques Pierre Roumimper (Zoetermeer, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: irrapreżentat inizzjalment minn P. de Casparis, avukat, sussegwentement minn W. J. Dammingh u N. D. Dane, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) (rappreżentanti: D. Neumann u D. El Khoury, aġenti, assistiti minn B. Wägenbauer u R. Van der Hout, avukati)

**Suġġett**

L-annullament tad-deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2008 li informat lir-rikorrent bl-impossibbiltà li jiġi offrut lilu impjieg permanenti, kif ukoll id-deċiżjoni tas-7 ta' Jannar 2009 li rrifjutat l-ilment imressaq kontra l-ewwel deċiżjoni.

**Dispożittiv**

(1) *Id-deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2008 li permezz tagħha l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) irrifjuta li jagħti lil J.P. Roumimper kuntratt għal żmien indeterminat hija annullata.*

(2) *Europol huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 180, 01/08/09 p. 63.

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tad-29 ta' Ġunju 2010 — Esneau-Kappé vs L-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)**

(Kawża F-42/09) <sup>(1)</sup>

*(Servizz pubbliku — Perunsa tal-Europol — Nuqqas ta' tiġdid ta' kuntratt — Kuntratt għal żmien indeterminat — Artikolu 6 tal-Istatut tal-Persunal tal-Europol — Prinċipju tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża)*

(2010/C 288/133)

Lingwa tal-kawża: L-Olandiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Anne Esneau-Kappé (Den Haag, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: inizzjalment irrapreżentata minn P. de Casparis, avukat, sussegwentement minn W. J. Dammingh u N. D. Dane, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) (rappreżentanti: D. Neumann u D. El Khoury, aġenti, assistiti minn B. Wägenbauer u R. Van der Hout, avukati)

**Suġġett**

L-annullament tad-deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2008 li tinforma lir-rikorrenti li ma kienx possibbli li tiġi offruta impjieg permanenti, kif ukoll tad-deċiżjoni tas-7 ta' Jannar 2009 li tiċħad il-kontestazzjoni li saret kontra l-ewwel deċiżjoni.

**Dispożittiv**

(1) *Id-deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2008 li permezz tagħha l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) rrifjuta li jagħti kuntratt għal żmien indeterminat lil A. Esneau-Kappé hija annullata.*

(2) *Il-Europol huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 180, 01.08.09 p. 63.